# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 820/97**

**Numru 20**

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Johns garage Limited**

**vs**

**Margaret Pace Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara bejn l-istess konvenut u Trabel Mc Ginly s-sewwieq tal-vettura numru IAK

140 u li sehh fit-3 ta' Lulju 1996 fil-limiti tal-Gzira waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura L-9080 b'mod traskurat u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-Traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm358.25,0) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' Periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali tal-22 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kif wkoll bl-ispejjes ta' ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u pprezentata ma l-avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 2 tal-atti) li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi hija ma kienitx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali citat fl-avviz fl-ismijiet premessi stante li ghall-incident "de quo" kien

unikament responsabbli Trabel Mc Ginly minhabba negligenza da parti tieghu biss.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa ferm ezagerat.

Salvi eccezzonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-istess konvenuta, permezz ta' affidavit esebit in atti a fol 16 <u>ammettiet</u> ir-responsabilta taghha vis-a-vis l-incident in esami, liema konvenuta, pero', qed tikkontesta il-"quantum" tad-danni pretiz fl-avviz in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-istess "quantum" gew prodotti diversi provi, kemm orali kemm permezz ta' dokumenti, kif ser jinghad:

1) diversi dokumenti annessi minn fol 12 A sa Fol 15 konsistenti f'ritratt bil-kulur tal-vettura numru IAK 140, assikurata mal-attur et nomine (Dok A), kopja tas-"survey report" (Dok B) u kopja tal-kontijiet relattivi ghal "spare parts" u tiswijiet (Dok C u Dok D).

2) <u>Saviour Farrugia</u> (fol 27 et seq ibid) in rappresentanza tas-socjeta assikurata li ikkonferma li sabiex jigu riparati id-danni konsegwenzjali ghall-incident in esami, kienu intefqu Lm346.80,0. Dan ix-xhud afferma taht gurament "Filfatt f'dan il-kaz, kont rajtha jiena stess personalment. Rajt li qabel ma harget, ma kellha l-ebda hsara ohra" u "Jiena nghid li fil-kaz in esami gew riparati d-danni li gew kagunati biss fl-incident in esami. Fil-fatt ma kellha ebda hsara ohra".

3) L-istess attur nomine <u>John Bonnici</u> (ara l-affidavit a fol 35 tal-atti) li esebixxa l-istess "survey report" imsemmi di gja (fol 37) u kkonferma li kien hallas lis-socjeta' assikurata s-somma ta' Lm358.25,0 oltre ghas-"survey report" imsemmi u ghar-"road accident report" tal-Pulizija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenuta</u> (fol 16 ibid) isostni li hi ma kienitx laqtet "l-'bumper' u l-panel taht il-'bumper' " u "L-unika hsara.... kienet ghafsa zghira hafna vicin tal-'lock' ta' wara ......".

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti, gie pruvat b'mod car u konvincenti, li l-attur et nomine hallas l-ammont mitlub fl-avviz lis-socjeta' assikurata, bhala risarciment ta' danni konsegwenzjali ghall-incident in esami oltre in rigward iz-zewg dokumenti hawn fuq gja imsemmija.

Illi da parti taghha l-konvenuta ma resqet ebda prova, hlief l-imsemmi affidavit maghmul minnha, dwar il-'quantum' tad-danni.

Certament a basi ta' dak li xehdet il-konvenuta, ma jidhirx li gie pruvat li d-danni involuti ma gewx minimizzati, tenut kont ukoll, li l-ammont pretiz bhala danni ma jidhirx esagerat.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament respsonabbli ghall-incident in esami minhabba sewqan traskurat u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm358.25,0;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex sabiex thallas lil-attur et nomine s-somma hekk likwidata ta' Lm358.25,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' April 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-22 ta' Jannar 1997 u tat-23 ta 'April 1997 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur